MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2007

Avviz Numru. 382/2006

**Nicholas sive Nick Captur (K.I. 146572M)**
**personalment**
**kif ukoll ghan-nom u in raprezentanza tas-socjeta'**
**civili Deloitte & Touche**

**Vs**

**Wininvest Limited (C 3127)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur pro et noe ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef tlett mija u tlettax il-lira (Lm3313.00,0) liema somma hija dovuta (a) kwantu ghal Lm1130.00,0 bhala bilanc minn somma akbar fuq fattura numru ta' referenza 04FA006 datata 1 ta' Marzu 2004, (b) kwantu ghal Lm1829.00,0 skond fattura numru ta' referenza 04FA041 datata 31 ta' Mejju 2004, u (c) kwantu ghal Lm354.00,0 skond fattura numru ta' referenza 04FA092 datata 30 ta' Settembru

2004 (kopja dok A u C annessi mal-avviz) u dan kollu dwar servizzi professjonali, spejjez u VAT relattiv skond kif jidher fuq l-istess fatturi.

Bl-ispejjez tal-avviz u tal-ittra uficjali datata 25 ta' April 2006 vera kopja taghha u tar-riferta relattiva annessi mal-avviz bhala dok D, u bl-imghaxijiet bl-oghla rata skond il-ligi mid-data ta' hrug tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effetti, ilkoll kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti kollha annessi mal-istess avviz a fol 2 sa fol 11 tal-atti u markat Dok A sa E.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attur pro et noe sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx fil-5 ta' Frar 2007 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex ihallas lill-attur pro et noe s-somma ta' Lm3313.00,0 bl-imghax legali mid-data ta' kull fattura esebiti in atti u kif specifikata fl-istess avviz sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta' April 2006.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------